**Il-maħbub tal-Madonna**

Tibkik din qalbi għażiż ħabib tiegħi
Kemm mort 'il bogħod, b'laħmek u b'xaħmek lil hinn,
Ma nistax le insib sabar b'aħbarek
Li ħallejtna hekk ħesrem f'qasir il-ħin.

Tifkirietek f'qalbi għandi bir-rimi
Kont wisq bniedem hekk twajjeb, ħieni w ħanin,
Niftakar biss fil-ġmiel tal-għemil tiegħek
Xi tjubija tal-għaġeb ħabib insib.

Imħabbtek kbira għal Ommna Marija
Min ma jafx biha? Biha ressaqt erwieħ,
Li kienu snin il' bogħod mill-qalb ta' Kristu
Imma int, bi ħlewwietek ħaddthom minnufih.

Biex miegħek iduqu l-benna bennet is-sema
Ta' meta r-ruħ għand min ħalaqha hi tmur,
U int, b'dik l-imħabba ta' ħuha safja
Laqqajtha mal-Feddej tagħha b'skiet mistur.

Hawn, fil-kappella tal-Onkoloġija
Kull ħaġa li għandna ssemmi lill-ismek,
Kemm għentna u ħdimt b'tant u tant bżulija
Ħalli n-nies iħobbu 'l Ġesù w l-Marija.

Dejjem tħeġġeġ li mmorru bl-akbar ħerqa
Inqerru dnubietna fil-qrar imqaddes,
U nattendu bi ħġarna għall-quddiesa
Biex ruħna taħt Alla ħanin titħares.

Kemm fakkartna biex nilbsu l-fidi b'Dommna
Tal-Madonna, li hi Mirakoluża,
Dik id-Dommna li bil-bosta tfakkarna
Fi mħabbek Marija Ommna gustuża.

Tibkik Bormla fejn għext ħatjek imqaddsa
Jibkuk martek u ibnek li wisq ħabbejt,
Issa li qiegħed fil-glorja tas-sema
Ħarisna u ħu ħsiebna bħal ħbub għajnejk.

U aħna, kif qed interrqu f'did-dinja
Inwegħduk li nitolbu b'qalbna għalik,
Int l-għażiż ħuna, ħabbejt wisq il-morda
Xi premju kbir fil-ġenna Joe hemm jistennik.

Li kellek tistaqsini b'liema frażi
Infissrek f'dax-xahar hekk sabiħ tal-ġonna,

Mill-ewwel għala Bormliża żgur ngħidlek:
"Għalija int il-maħbub tal-Madonna".

Int li qed taqra dal-kelmtejn imqanqla
Tibqax imwaħħal mal-miskin w l-jaħasra,
Qerr, isma' l-quddies, itlob ir-Rużarju
Għax Joe irid isalvak minn kull ħsara.

Patri Mario Attard OFM Cap
26 ta' Mejju 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.